31979R2973

L 336/44 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 29.12.1979

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2973/79

tal-21 ta' Diċembru 1979

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-għoti ta' assistenza għall-esportazzjoni tal-prodotti taċ-ċanga u l-vitella li jistgħu jibbenefikaw minn trattament ta' importazzjoni speċjali f'pajjiż terz

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2916/79 [2], u partikolarment l-Artikolu 15 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2931/79 ta' l-20 ta' Diċembru 1979 fuq l-għoti ta' assistenza għall-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli li jistgħu jibbenefikaw minn trattament ta' importazzjoni speċjali f' pajjiż terz [3], u partikolarment l-Artikolu 1 (2) tiegħu,

Billi L-Istati Uniti ta' l-Amerika se japplikaw arranġamenti speċjali għall-kwantità annwali ta' 5 000 tunellata ta' ċanga u vitella li joriġinaw fil-Komunità u li jilħqu ċerti kondizzjonijiet; billi waħda mill-kondizzjonijiet hija li dan il-laħam għandu jkun akkumpanjat minn ċertifikat ta' identita' maħruġ mill-Istat Membru esportatur;

Billi ċ-ċertifikati ta' identita' għandhom jinħarġu biss għall-5 000 tunellata li jikkwalifikaw għall-arranġamenti speċjali; billi huwa għalhekk meħtieġ li jkun provdut li l-Kummissjoni tawtorizza minn qabel il-ħruġ ta' liċenza ta'esportazzjoni għal-laħam konċernat; billi, barra minn hekk, it-tolleranza provdut dwarha fl-Artikolu 2 (4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 193/75 [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2971/79 [5], ma għandhiex tkun applikata għall-kwantità li taqbeż dik li għaliha inħarġet il-liċenza;

Billi huwa meħtieġ li tkun definita in-natura taċ-ċertifikati ta' identita', u l-proċeduri meħtieġa għall-użu tagħhom;

Billi l-kwantitajiet esportati ma jistgħux ikunu verifikati sewwa mingħajr regoli speċjali rigward evidenza ta' l-importazzjonijiet fil-pajjiż tad-destinazzjoni; billi ir-regoli preskritti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 192/75 [6], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2970/79 [7], huma l-iktar xierqa; billi l-penali għan-nuqqas ta' sottomissjoni ta' tali evidenza għandhom ikollhom effett ta' deterrent ġenwin; billi huwa għalhekk xieraq li tingħata sigurta ogħla għal dawn il-liċenzi ta' esportazzjoni mis-sigurtà preskritta fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 571/78 [8], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2974/79 [9];

Billi l-miżuri preskritti għalihom f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni rigward esportazzjonijiet lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika ta' 5 000 tunnellata ta' ċanga u vitella kull sena ta' oriġini tal-Komunità, friski, kesħin jew friżati li jikkwalifikaw għal trattament speċjali.

2. Il-laħam imsemmi fil-paragrafu 1 jrid josserva l-kondizzjonijiet tal-protezzjoni tas-saħħa stipulati mill-pajjiż terz importatur u jirrelata għal annimali maqtula mhux iktar minn xahar qabel l-approvazzjoni mid-dwana għall-esportazzjoni.

Artikolu 2

1. Applikazzjonijiet għal-liċenzi ta' esportazzjoni għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 jistgħu jintefgħu biss fi Stat Membru fejn il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-pajjiż importatur jistgħu ikunu milħuqa.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenza ta' esportazzjoni u l-liċenza nnifisha għandu jkollhom l-entrata 'Stati Uniti ta'l-Amerika' fis-sezzjoni 13. Il-liċenza għandha tistabbilixxi l-obbligu li l-merkanzija tkun esportata minn l-Istat Membru tal-ħruġ lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

3. Fit-tielet jum tax-xogħol ta' kull xahar l-Istati Membri għandhom jibgħatu *telex* lill-Kummissjoni b'lista ta' applikanti u l-kwantitajiet ta' prodotti konċernati bl-applikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 li jkunu ntefgħu matul ix-xahar ta' qabel.

---

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 26.
[2] ĠU L 329, ta' l-24.12.1979, p. 15.
[3] ĠU L 334, tat-28.12.1979, p. 8.
[4] ĠU L 25, tal-31.1.1975, p. 10.
[5] Ara l-paġna 34 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[6] ĠU L 25, tal-31.1.1975, p. 1.
[7] Ara l-paġna 32 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[8] ĠU L 78, tat-22.3.1978, p. 10.
[9] Ara l-paġna 49 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

4. Il-Kummissjoni tiddeċiedi l-limitu ta' applikazzjonijiet li jkunu ser jiġu aċċettati. Jekk il-kwantitajiet mitluba jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli, il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-ammonti mitluba b'percentuali fissa.

5. Il-liċenzi għandhom jinħarġu fil-15-il jum ta' kull xahar.

6. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 3 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 571/78, il-liċenzja ta' esportazzjoni għandha tkun valida għal 90 jum mid-data tal-ħruġ. Il-validità tal-liċenza ma għandiex testendi aktar mill-31 ta' Diċembru tas-sena tal-ħruġ tagħha.

7. Il-liċenza għandha tinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat rigward il-kwantitajiet iffissati mill-Kummissjoni. Is-sigurtà għall-kwantità li fir-rigward tagħha l-applikazzjoni ma ngħatatx għandha tiġi rilaxxata minnufih.

8. Minkejja l-Artikolu 2 (4) tar-Regolament (KEE) Nru 193/75, il-kwantitajiet esportati ma għandhomx jeċċedu l-kwantitajiet speċifikati fil-liċenza.

9. Il-liċenza għandu jkollha waħda minn dawn l-approvazzjonijiet fis-sezzjoni 18:

'Fresh, chilled or frozen beef — Agreement between the EEC and the USA. Valid only in … (Member State of issue). Quantity to be exported may not exceed … kg (weight)';

»Fersk, kølet eller frosset oksekød — Aftale mellem EØF og USA. Kun gyldig i … (Member State of issue). Mængden, der skal udføres, må ikke overstige … kg«.

Artikolu 3

Meta l-laħam jkun qiegħed jiġi approvat għall-esportazzjoni mid-dwana, iċ-ċertifikat ta' identità imfisser fl-Artikolu 4 għandu jinħareġ, fuq talba ta' l-applikant, fuq preżentazzjoni tal-liċenza ta' esportazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 u ċ-ċertifikat veterinarju li juri d-data tal-qtil ta' l-annimali li minnhom ikun ġej il-laħam li dwaru ssir l-applikazzjoni taħt l-Artikolu 2.

Artikolu 4

1. Iċ-ċertifikat ta' identita' għandu jsir, minn ta' l-inqas f'kopja waħda, fuq formula korrispondenti mall-mudell fl-Anness.

Iċ-ċertifikat huwa stampat bl-Ingliż fuq karta bajda ta' qies 210 × 297 mm. Kull ċertifikat għandu ijollu numru tas-serje individwali maħruġ mill-uffiċċju doganali msemmi fl-Artikolu 5.

L-Istat Membru esportatur jista' jitlob li kull ċertifikat użat fit-territorju tiegħu jkun stampat b'waħda mil-lingwi uffiċjali tiegħu kif ukoll bl-Ingliż.

2. Il-kopji għandu jkollhom l-istess numru tas-serje bħall-oriġinal. Kull dettall imdaħħal fl-oriġinali u fil-kopji għandu jkunu ittajpjat, jew, jekk miktub bl-idejn, stampat b'ittri kbar bil-linka.

Artikolu 5

1. Iċ-ċertifikat ta' identita' u l-kopji għandhom jinħarġu mill-uffiċċju doganali fejn il-laħam ikun approvat mid-dwana għall-esportazzjoni.

2. L-uffiċċju doganali msemmi fil-paragrafu 1 għandu japprova ċ-ċertifikat oriġinali fis-sezzjoni xierqa u jittrasmetti ċ-ċertifikat lill-parti interessata, waqt li jżomm kopja.

Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jispezzjonaw l-oriġini u n-natura tal-prodotti li għalihom jinħarġu ċ-ċertifikati ta' identita'.

Artikolu 7

1. Minkejja l-Artikolu 4 (3) tar-Regolament (KEE) Nru 571/78, ir-rata ta' sigurta li għandha tintefa' rigward il-liċenzi ta' esportazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 tkun ta' 10 EKU għal kull 100 kg piż nett.

2. Mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17 (2) (b) tar-Regolament (KEE) Nru 193/75, is-sigurtà għandha tinħeles biss mal-preżentazzjoni tal-prova msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 192/75.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar 1980.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1979.

Għall-Kummissjoni

Finn GUNDELACH

Viċi-President

ANNESS

EUROPEAN COMMUNITIES

	1. Exporter	2.Certificate No	**ORIGINAL**
	3. Consignee	**CERTIFICATE OF IDENTITY** **EXPORT OF CERTAIN BEEF AND VEAL** **TO THE UNITED STATES OF AMERICA**	

NOTES

A. This certificate must be made out in one original and not less than one copy.

B. The original and at least one copy must be produced for certification to the customs office at which customs export formalities are completed.

C. The original must be produced to the customs authorities of the United States of America.

1	4 Marks, numbers, number and kind of packages; description of goods	5 Gross weight 7 Net weight	6 Invoice Nos
2	4 Marks, numbers, number and kind of packages; description of goods	5 Gross weight 7 Net weight	6 Invoice Nos

8 DECLARATION BY THE EXPORTER

The undersigned exporter declares that the goods described above conform to the provisions of Regulation (EEC) N°

At , on

(Signature)

9 CERTIFICATION BY THE COMPETENT CUSTOMS OFFICE

Customs formalities for export to the USA, including Puerto Rico, of the goods covered by this certificate have been completed.

At , on

(Signature) (Stamp)